DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/696

tal-4 ta' Mejju 2016

li temenda d-Deċiżjoni 2006/473/KE li tagħraf ċerti pajjiżi terzi u ċerti żoni ta' pajjiżi terzi bħala ħielsa mill-*Xanthomonas campestris* (il-varjetajiet kollha patoġeniċi għaċ-ċitru) u l-*Guignardia citricarpa* Kiely (il-varjetajiet kollha patoġeniċi għaċ-ċitru)

(notifikata bid-dokument C(2016) 2614)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità [1], u b'mod partikolari l-punti 16.2 u 16.4 tat-Taqsima I tal-Parti A tal-Anness IV tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/473/KE [2] li tagħraf ċerti pajjiżi terzi u ċerti żoni ta' pajjiżi terzi bħala ħielsa mill-*Xanthomonas campestris* (il-varjetajiet kollha patoġeniċi għaċ-ċitru) u l-*Guignardia citricarpa* Kiely (il-varjetajiet kollha patoġeniċi għaċ-ċitru).

(2) Id-Deċiżjoni 2006/473/KE tirrikonoxxi lill-istat ta' Louisiana fl-Istati Uniti bħala ħieles mill-*Xanthomonas campestris* (il-varjetajiet kollha patoġeniċi għaċ-ċitru). Madankollu, fuq il-bażi tal-informazzjoni mibgħuta mill-Istati Uniti, l-Istat ta' Louisiana ma għandux jibqa' jiġi rikonoxxut bħala ħieles mill-organiżmu ta' ħsara msemmi.

(3) Id-Deċiżjoni 2006/473/KE tirrikonoxxi lill-Urugwaj bħala ħieles mill-*Guignardia citricarpa* Kiely (il-varjetajiet kollha patoġeniċi għaċ-ċitru). Abbażi tal-informazzjoni mibgħuta mill-Urugwaj u l-interċezzjonijiet ripetuti, l-Urugwaj ma għandux jibqa' jiġi rikonoxxut bħala ħieles minn dak l-organiżmu ta' ħsara.

(4) Id-Deċiżjoni 2006/473/KE tirrikonoxxi liż-żoni kollha tal-Istati Uniti bħala ħielsa mill-*Guignardia citricarpa* Kiely (il-varjetajiet kollha patoġeniċi għaċ-ċitru) ħlief għall-kontej ta' Collier, Hendry u Polk li jinsabu fl-Istat ta' Florida. Fuq il-bażi tal-informazzjoni mibgħuta mill-Istati Uniti, il-Kontea ta' Lee ma għandhiex tibqa' tiġi rikonoxxuta bħala ħielsa minn dak l-organiżmu ta' ħsara.

(5) Id-Deċiżjoni 2006/473/KE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.

(6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2006/473/KE hija emendata kif ġej:

(1) Il-Punt (c) tal-Artikolu 1(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) L-Istati Uniti: Arizona, California, Guam, il-Hawaii, il-Gżejjer Mariana tat-Tramuntana, Puerto Rico, is-Samoa Amerikana, Texas u l-Gżejjer Verġni tal-Istati Uniti;"

[1] ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/473/KE tal-5 ta' Lulju 2006 li tagħraf ċerti pajjiżi terzi u ċerti żoni ta' pajjiżi terzi bħala ħielsa mill-*Xanthomonas campestris* (il-varjetajiet kollha patoġeniċi għaċ-ċitru), iċ-*Cercospora angolensis* Carv. et Mendes u l-*Guignardia citricarpa* Kiely (il-varjetajiet kollha patoġeniċi għaċ-ċitru) (ĠU L 187, 8.7.2006, p. 35).

(2) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-punt (a) tal-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) il-pajjiżi terzi kollha li jkabbru ċ-ċitru tal-Ewropa, tal-Amerika ta' Fuq, tal-Amerika Ċentrali u tal-Amerika ta' Isfel u tal-Karibew minbarra l-Arġentina, il-Brażil, l-Istati Uniti u l-Urugwaj;"

(b) Il-punt (e) tal-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) l-Istati Uniti: iż-żoni kollha ħlief il-kontej ta' Collier, Hendry, Lee u Polk li jinsabu fl-Istat ta' Florida."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Mejju 2016.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni